## Minuti

**Seduta Nru. 1/2014**

Data: Il-Gimgħa 3 ta' Lulju 2014

Ħin: 5:00pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti: Matthew Mangion – *Chairperson*
Deborah Galea – *Viċi Chairperson*
Emanuel Galea – *Membru*
Jimmy Zahra – *Membru*
Owen Patrick Attard - *Membru*
Marita Portelli – *Segretarju Eżekuttiv*

---

## AĠENDA

1. Ħatra ta' Chairperson
2. Ħatra ta' Viċi Chairperson
3. Tqassim ta' Responsabilitajjiet lill-membri tal-Kumitat
4. Affarijiet oħra jekk Urġenti
5. Kommunikazzjoni mic-Chairperson
6. Għeluq u Aġġornament

MINUTI:

001 Il-laqgħa bidet b'talba.

002 L-aktar membru anzjan mexxa l-laqgħa.

### 1. Ħatra ta' Chairperson

003 Minħabba li s-Sur Matthew Mangion, li ġab l-aktar voti tal-Partit li ġab il-maġġorazza f'din l-elezzjoni, ġie offrut il-kariga ta' Chairperson. Is-Sur Mangion aċċetta din il-kariga.

### 2. Ħatra ta' Viċi Chairperson

004 Is-Sinjura Deborah Galea ġiet offruta l-kariga ta' Viċi Chairperson minħabba li hi kienet it-tieni persuna, rapreżentanta tal-Parit li ġab il-maġġorazza f'din l-elezzjoni, li ġabet l-aktar voti. Is-Sinjura Galea aċċettat din il-kariga.

### 3. Tqassim ta' Responsabilitajjiet lill-membri tal-Kumitat

005 Il-membri tal-KAS iddiskutaw fuq ir-responsibilitajjiet diversi li hemm u qablu li kull membru tal-Kumitat ikun responsabbli minn sezzjoni kif gej:

Indafa, Traffic Management, Infrastruttura – Jimmy Zahra, Owen Patrick Attard u Manwel Galea.
Kultura / Edukazzjoni / Zghazagh / Sports u Anzjani – Deborah Galea
Kommunikazzjoni mar-Residenti – Matthew Mangion
Amministrazzjoni / Finanzi – Matthew Mangion

006 Filwaqt li tqassmu dawn ir-responsabbilitajjiet sar qbil li kullħadd huwa mistieden li jissuġġerixxu u jgħinu lil xulxin fid-diversi oqsma li nħolqu.

007 Il-Kumitat qabel ukoll li aħjar jiddeċiedu fuq ftit proġetti, li huma ta' importanza għar-residenti tas-Swatar, u jwettquhom malli jibdew ħafna affarijiet u ma jiġi finalizzat xejn.

### 4. Affarijiet oħra jekk Urġenti

008 Is-Sur Owen Attard qal li hemm bżonn li ssir Zebra Crossing kif wieħed ikun hiereġ mill-mina ta' ħdejn l-Isptar. Hu qal li ser jipprovdi s-Segretarju bir-ritratti.

009 Sar qbil li hemm bżonn li ssir laqgħa fuq it-Traffic Management u li idealment ikunu preżenti l-Periti li qed jipproponu t-tibdil. Is-Segretarju għandha titlob lill-Kunsill ta' B'Kara biex tiġi ssir din il-laqgħa. Din il-laqgħa ser issir biex jiġi finalizzati dawn il-proposti u biex jitresqu għall-approvazzjoni taż-żewġ Kunsilli. Il-Kumitat ra l-pjanti u qablu li l-espropju, għalkemm huwa soluzzjoni li tieħu ż-żmien, hemm bżonnu biex ikun hemm ħruġ ieħor mis-Swatar. Sar qbil bejn il-membri kollha tal-Kumitat li t-Traffic Management ser ikun ta' priorita' għal dan il-Kumitat.

010 Il-membri tal-Kumitat talbu wkoll laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju tal-Kunsill ta' Birkirkara. Għandha tikkuntatjahom is-Segretarju biex tagħmel appuntament.

011 Il-Membri tal-Kumitat saqsew lis-Segretarju x'ser isir fuq l-oġġezzjoni ta' l-Art tas-Sisla. Huma ġew informati li l-MEPA terġa tikkuntaja lill-Kumitat meta l-applikazzjoni titla quddiem il-bord tal-MEPA. Pero' s-Segretarju qalet li xorta ser tiċċekja mal-MEPA u tipprovdi l-informazzjoni miksuba lill-Kumitat.

012 Waqt diskussjoni fuq nuqqas ta' servizzi fis-Swatar is-Segretarju nformat lill-Kumitat li nhar ta' Sibt, fl-Imtarfa tiġi van tal-Maltapost. Sar qbil li s-Segretarju tiċċekja jekk dan ikunx jista jibda jiġi s-Swatar.

013 Il-Kumitat talab li ssir laqgħa ma' l-amminstraturi tas-St Martin's Collage biex jiddiskutu l-possibilita' li jiġu użati l-faċilitajjiet tal-lokalita' u anke minħabba l-problema ta' parkeġġ. Is-Segretarju nformat lill-membri tal-Kumitat li kien sar qbil li mis-sena skolastika li jmiss ser ikun hemm sistema ta' Wardens li ser jitħallsu mill-Kunsill u mill-iskola li jintużaw għal siegħa ħdejn l-iskola mbagħad ikunu jistgħu jmorru f'postijiet oħra fl-Imsida. Is-Sna Galea qalet li jkunu jridu jitqassmu f'postijiet differenti fi ġranet differenti biex dak li jkun ma jkunx ċert jekk hux ser isib Warden jew le u joqgħod attent iżjed. Is-Sur Attard qal li hemm bżonn isiru l-cameras.

014 Il-Membri tal-Kumitat talbu li l-Kappillan jintalab jagħti nformazzjoni lil kumitat dwar n-numru ta' residenzi fis-Swatar.

015 Is-Segretarju intalbet iġġib aktar informazzjoni fuq l-każ li hemm pendenti l-qorti minħabba l-ispiżerija fis-Swatar.

016 Is-Sur Zahra issuġġerixxa li terġa ssir laqgħa tal-Lokalita' wara s-sajf u l-membri tal-Kumitat qablu.

### 5. Kommunikazzjoni mic-Chairperson

017 Iċ-Chairperson qal li ma kellux xi jżid. Qal li jixtieq li l-Kumitat kollu jaħdem flimkien għal ġid tar-residenti tas-Swatar u li kien kuntent b'din l-ewwel laqgħa.

### 6. Għeluq u Aġġornament

018 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 25 ta' Lulju fil-5pm fil-Kunsill Lokali ta' L-Imsida.

| | |
|---|---|
| Matthew Mangion | Marita Portelli |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |

Data